MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 138/2004

Av. Dottor David Tonna bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Philip Morris Products S.A.
vs
Dr Vincent Galea u l-PL Luisa Tufigno li b'digriet tad-29 ta' Marzu 2004 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` estera XXX9990 N.G. Prom D.O.O., Industrial Zona U.B.B., Beograd Serbia Montenegro

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha ppremetta:

Peress illi l-kumpannija attrici Philip Morris Products S.A. ta' Quai Jeanrenaud 3, CH 2000 Neuchatel, tal-iSvizzera hija proprjetarja tal-marka tas-sigaretti "MARLBORO" kif ukoll proprjetarja tas-sinjal distintiv li jinsab fuq l-istess

pakketti tas-sigaretti skond kif jidher fuq id-Dokument “A”, id-Dokument “B u d-Dokument “C”.

Peress illi s-socjeta` attrici kienet detentrici tad-dritt ta’ proprjeta` industrjali tal-istess kelma “MARLBORO” u s-sinjali distintivi fil-komplessita` taghhom registrati f’Malta taht Trademark No. 5789, Trademark No 5790 u Trademark No. 16670, fir-Registru tal-Markji (kif muri f’Dok “A”, f’Dok “B” u f’Dok “C”), ai termini tal-Artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Peress illi jirrizulta mill-Polza ta’ Kargu Numru NGP 132009 li l-konsenjatarji tal-konsenja in kwistjoni huma XXX9990 N.G. Prom D.O.O., Industrial Zona U.B.B., Beograd Serbia Montenegro, mentri d-dettalji tax-Shipper huma NGP 3453 MA Lai Imp. & Exp. Trade Co. Ltd. tac-Cina.

Peress illi jirrizulta li l-konsenja in kwistjoni ddahhlet gewwa Malta fis-26 ta’ Jannar 2004 fuq il-vapur M/V “Verlaine”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles fejn l-imsemmija konsenja ta’ sigaretti tikkonsisti f’sitt mija tnejn u disghin (692) kaxxa maghrufa bhala master cases b’Container Nru. GLDU 090614/6 bi ksur tal-projbizzjoni tal-Artiklu 4 tal-Kap. 414.

Peress illi dawn is-sigaretti in kwistjoni jikkontravvjenu id-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici, skond l-Artiklu 2(1)(a)(i) u (iii), tal-Kap. 414, li favur taghha huma registrati l-marki u distintivi “Marlboro”, billi nstab illi dawn l-istess sigaretti huma prodotti falsifikati skond l-analizi li ghamlet is-socjeta` attrici (ara rapport ta’ analizi mmarkat bhala Dokument “D”).

Peress illi d-dhul gewwa Malta, importazzjoni temporanju u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta` intellettwali huwa projbit skond l-Artiklu 4 ta’ l-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Peress illi din il-konsenja ta’ sigaretti tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana fin-‘New Port Bonded Stores’, Marsa wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok “F”).

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-sigaretti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur, huma falsifikati.
2. Tiddikjara li tali sigaretti falsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici fil-konfront tat-Trademarks registrati bin-Numri 5789, 5790 u 16670 tal-Marki “MARLBORO” u/jew is-sinjali distintivi li jifformaw parti mill-istess Trademarks.

3. Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporaneju u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja sigaretti ffalsifikati li tikkonsisti f’sitt mija tnejn u disghin (692) master cases, tikkostitwixxi vjolazzjoni ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi s-sigaretti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil u ghas-spejjez tas-socjeta` konvenuta skond l-Artikolu 8 tal-Kap. 414.

5. Tordna kull rimedju iehor li tista’ skond it-termini ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront tas-socjeta` attrici.

6. Tordna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport u tal-hazna tas-sigaretti in kwistjoni kif ukoll l-ispejjez tal-garanzija bankarja mahruga mis-socjeta` attrici favur il-Kontrollur tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk l-ispejjez kollha tad-Dwana fir-rigward tal-hazna u distruzzjoni tas-sigaretti in kwistjoni, kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-attur nomine.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Avukat Dottor Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno nominati b'digriet datat 29 ta' Marzu 2004 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` estera XXX 9990 N.G. Prom D.O.O., Industrial Zona U.B.B., Beograd Serbia Montenegro li eccepew:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Xehed Dr. David Tonna u semma li d-ditta taghhom hija rapprezentanta tas-socjeta` Philip Morris Products S.A. ta' Neuchatel l-iSvizzera ghal dak li jirrigwarda l-marki u l-protezzjoni tal-marki taghha gewwa Malta. Qal li l-kumpanija Philip Morris kienet avzathom li kienet ser tidhol Malta konsenja ta' sigaretti permezz ta' container li ser jghaddi mill-Freeport u talbuhom biex jintercettaw il-

container. Is-socjeta` attrici hija detentrici tal-trademark registrata gewwa Malta tal-kelma Marlboro. Semma li l-konsenja telqet mic-Cina mill-kumpanija Ma Lai Import & Export Company Limited u kellha tigi konsenjata lill-kumpanija XXX9990 N.G. Prom D.O.O. Qal li l-kumpanija attrici talbithom biex jitolbu lid-Dwana zomm il-konsenja u talbithom jaghtuhom samples biex ikunu jistghu jibghatuhom lill-laboratorju taghhom gewwa l-Isvizzera biex janalizzawhom. Meta raw is-samples sabu li kienu foloz u dawn is-sigaretti inzammu u l-konsenja tinsab mizmuma gewwa New Port Bonded Stores il-Marsa u kien hemm fiha din il-konsenja 692 kaxxa master cases b'kollox.

Xehed George Agius Fizzjal id-Dwana fis-Sezzjoni tal-Infurzar u jispecjalizza fl-affarijiet kontrafatti u foloz u qal li fis-26 ta' Jannar 2004 kienet dahal Malta container u gie maghzul ghall-iscanning picture. Meta scanjawh sabu li l-ewwel parti kienet differenti mill-kumplament tal-kontenut tal-container liema container kien iddikjarat bhala furniture. Semma li kienet ittiehdet id-decizjoni li l-container jinfetah u nstab li l-ewwel parti kienet ghamara ta' l-injam u l-kumplament kienu 386 kaxxa sigaretti tal-marka Marlboro Red liema sigaretti kellhom il-boll tas-sisa tad-Dwana tal-Grecja. Qal li kienu ttiehdu xi kampjunarji u wara ezami fuq is-sigaretti instab li s-sigaretti kienu kontrafatti u foloz u li bhalissa qeghdin fl-imhazen taghhom. Semma li minn informazzjoni li kienu rcevew irrizultalhom li l-Boll tas-sisa tal-Grecja kien falz ukoll izda huma ma ghamlux verifiki ma' l-Awtoritajiet tal-Grecja ghax huma kienu f'posizzjoni tajba li d-dikjarazzjoni ma kenitx korretta u li kien jimpurthom mis-sigarett jekk hux falz jew genwin. Dwar il-garanzija qal li kienet ta' Lm5,000 depozitata a favore l-Kontrollur tad-Dwana ghal xi spejjez li setghu nqalghu.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Irrizulta li Dr. David Tonna huwa rapprezentant tas-socjeta` Philip Morris Products S.A. ta' Neuchatel l-iSvizzera ghal dak li jirrigwarda l-marki u l-protezzjoni tal-marki taghha gewwa Malta. Kienu gew avzati li ser tidhol Malta konsenja ta' sigaretti permezz ta' container li ser

jghaddi mill-Freeport u talbuhom biex jintercettaw il-container u li l-konsenja telqet mic-Cina mill-kumpanija Ma Lai Import & Export Company Limited u kellha tigi konsenjata lill-kumpanija XXX9990 N.G. Prom D.O.O. Fuq talba tal-kumpanija attrici talbu lid-Dwana zzomm il-konsenja u jibghatulhom samples biex ikunu jistghu jezaminawhom fil-laboratorju. Sabu li kienu foloz u saret talba biex il-konsenja tigi mizmuma New Port Bonded Stores il-Marsa, liema konsenja kien fiha 692 kaxxa master cases b'kollox. Dawn il-fatti gew konfermati wkoll minn George Agius Fizzjal id-Dwana fis-Sezzjoni tal-Infurzar li semma li fis-26 ta' Jannar 2004 kienet dahal Malta l-container imsemmi. Ikkonferma li kienu ttiehdu kampjuni biex jigu analizzati. Provi mill-konvenuti ma sarux. Mid-dokument esebit a fol 65 tal-process hemm id-dikjarazzjoni ta' Leonard Imfeld tal-Product Intelligence and Security mad-ditta Philip Morris International Management S.A. li fiha jinghad "I can confirm that the products in question were not produced by, or with the authorisation of Philip Morris for, among others, the following reasons…", u hemmhekk jinghataw ir-ragunijiet.

It-talba attrici m'hi b' ebda mod kontradetta.

## E. KONKLUZJONIJIET:

Illi in vista tad-dikjarazzjoni maghmula minn Leonard Imfeld u tal-ufficjal tad-Dwana George Agius u ta' Dr. David Tonna, il-Qorti tiddikjara li s-sigaretti in kwistjoni huma falsifikati.

Tiddikjara wkoll li tali sigaretti falsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici fil-konfront tat-Trademarks registrati bin-Numri 5789, 5790 u 16670 tal-Marki "MARLBORO" u/jew s-sinjali distintivi li jifformaw parti mill-istess Trademarks.

Il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja sigaretti falsifikati li kienet tikkonsisti f'sitt mija tnejn u disghin (692) master cases, ikkostitwiet vjolazzjoni ta' l-Att dwar Drittijiet

Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi s-sigaretti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil u ghas-spejjez tas-socjeta` konvenuta skond l-Artiklu 8 tal-Kap. 414 u dan fi zmien xahar mil-lum.

Dwar il-hames talba fejn intalab li "l-Qorti tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tas-socjeta` attrici", fil-fatt l-attur nomine ma ghamel ebda talba specifika ghal dan ir-rigward u l-Qorti ma thossx opportun li timponi ebda rimedju iehor.

Tordna lis-socjeta` konvenuta biex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport u tal-hazna tas-sigaretti in kwistjoni kif ukoll l-ispejjez tal-garanzija bankarja mahruga mis-socjeta` attrici favur il-Kontrollur tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414.

Spejjez kontra s-socjeta` konvenuta b' dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------